VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,941, 10 ta' Lulju, 2012
Taqsima B

A.L. 227 tal-2012

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru. 7)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru. 7), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 490.04

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2012.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu (d) tas-subregolament (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"Kap. 117. (e) l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi;

L.S.117.18 (f) ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Pitrolju;

L.S.117.31 (g) ir-Regolamenti dwar is-Swieq tal-Biedja.".